Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri – Għawdex)

Imħallef Anthony Ellul

Illum il-Gimgha 23, ta' Ġunju, 2017.

Appell numru: 4/2016

**John Attard (appellant)**

**Vs**

**Michelle Said (appellata)**

1. Ir-rikorrent appella minn lodo tal-15 ta' Diċembru, 2016 li kien jirrigwarda incident tat-traffiku li seħħ fit-2 ta' Settembru, 2010 ġewwa Triq ir-Rabat, Nadur, Għawdex bejn il-vettura PUZ 121 (tar-rikorrent) li kien qiegħed isuq Victor Pace u l-vettura MIX 229 li kienet qegħda ssuq l-intimata.

2. L-aggravji tal-appellant huma li:
   i. Fil-lodo ma ngħatat l-ebda raġuni għalfejn il-ħtija għall-inċident ingħatat lil Victor Pace;
   ii. L-appellata kellha tinstab responsabbli għall-inċident. Kienet qegħda ssuq fuq wara u kien jispetta lilha li żżomm a proper lookout għal dak li kien qiegħed jiġri quddiemha. Victor Pace m'għamilx manuvra li biha ħasad lill-appellata, iżda kien qiegħed jagħmel manuvra sabiex jidħol f'entratura fuq il-lemin tiegħu.

3. Fid-decizjoni intqal:

   - L-incident sehh meta l-appellata kienet qeghda taqbez il-vettura PUZ 121.
   - L-appellata kkunsidrat li tista' taghmel il-manuvra u mill-provi ma jirrizultax li l-konvenuta kkontribwiet ghall-incident.

4. Ghal dawk li huma provi:

   i. Hemm id-dikjarazzjoni li ghamlu x-xufiera *a tempo vergine*:

      (a) **<u>Victor Pace</u>** – *"Jiena kont gej min-Nadur ghal Rabat, ghamilt indicator ghal fuq ir-right. Waqaft biex nidhol go korsa taz-zwiemel.*

*Harist minn gol-mera. Ma rajt lil hadd. Kif bdejt miexi giet vettura minn wara li kienet wrong side. Din dahlet go fija f'nofs il-vettura u l-ohra marret fuq il-bankina"*.

(b) **<u>Michelle Said</u>** – *"Jiena kont gejja min-Nadur ghal Rabat u kien hemm vettura quddiemi. Dan mar biex idur ghal fuq ir-right minghajr ma ghamel indicator. Jiena pprovajt niskapulah imma dan dahar ghal go fija"*.

ii. Xehedet l-appellata li rrakkontat li quddiem kien hemm vettura; *"Fis-siegha u l-hin hu kiser ftit lejn ix-xellug. Jiena x'hin rajtu kiser, ippruvajt nevitah min-naha tal-lemin, pero' f'daqqa wahda dan kiser lejn il-lemin u hbatna"*. F'dan l-istadju l-qorti ma tatx x'tifhem li kienet qeghda taghmel manuvra ta' sorpass. Pero' waqt il-kontro-ezami qalet: *"Nghid li l-ewwel darba li rajt il-karozza l-ohra kien quddiem fit-Triq ta' Xhajma. **Hu kien qisu wieqaf** u kien ser jikser lejn ix-xellug. **Jien mort biex naqalghu mil-lemin**, u kiser ghal fuqi"*. Kompliet, *"Jiena qlajt minn fuq il-lemin, u gbidt ftit lejn il-lane l-ohra biex naqalghu. Hu tani d-daqqa fuq il-gemb"*.

iii. Xehedet Sarah Said, oht l-appellata li kienet riekba fl-istess karozza, u qalet: *"X'hin rajt din il-karozza, **din kienet wieqfa**. **Ahna morna biex naqalghu min-naha ta' barra**, u naf li kiser fuqna… Naf li din il-vettura ma kellhiex indicator mixghul"*. Din ix-xhud kellha vizwali tajba ta' dak li kien qieghed jigri ghaliex ghalkemm kienet riekba fuq wara, kienet bilqeghda f'nofs is-sid. Ghalhekk jidher li ma kien hemm xejn li qieghed jostakola l-vizwali.

5. Victor Pace ma xehedx. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-azzjoni li ppropona l-appellant ma tistax tirnexxi.

6. L-ewwel aggravju hu li:

*"l-lodo ma jaghti l-ebda raguni ghalfejn giet misjuba htija fuq is-sewwieq tal-vettura tal-attur u ghalfejn ma rrizultax li l-htija kienet tal-konvenuta. Ma hemm xejn x'jiccensura s-sewqan ta' Victor Pace u ma hemm xejn li jiskolpa lill-konvenuta mir-responsabbilta"*.

Kuntrarjament ghal dak li jsostni l-appellant, it-Tribunal tal-Arbitragg ikkonkluda li l-manuvra ta' sorpass li ghamlet l-appellata setat issir u li qabel m'ghamlitha kkunsidrat li tista' ssir. Mid-decizjoni hu evidenti li t-Tribunal ma sab l-ebda nuqqas fis-sewqan tal-appellata. Ghalhekk il-konkluzjoni kellha ovvjament tkun li t-talba tal-appellant tigi michuda. Dan l-aggravju hu michud.

7. Ghal dak li hu l-meritu, il-qorti m'hijiex tal-fehma li hemm xi provi kontrastanti tali li ma jippermettux lill-gudikant li jasal ghal konkluzjoni dwar il-htija ghall-

incident. F'dan il-kaz id-dubju hu jekk Victor Pace kienx xeghel l-indicator. Fl-okkorrenza tal-warden li nvestiga l-kaz, jinghad li Pace qallu li kellu l-indicator mixghul. Min-naha l-ohra l-appellata qaltlu li l-indicator ma kienx mixghul. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li jezisti kunflitt ta' provi li ghandu jwassal ghal konkluzjoni li m'hemmx prova li l-appellata ghandha htija ghall-incident.

8. Fir-rapport tal-warden li nvestiga l-kaz, jinghad hekk:

- *'Road Type: Single Carriageway – Two Way'.*
- *'Road Markings:* ***<u>Broken Centre Line</u>****'.*

Mela meta l-appellata ghamlet manuvra ta' sorpass, bil-fatt biss li marret fuq in-naha l-ohra tat-triq ma kinitx qeghda tikser il-ligi.

9. Hu fatt li fl-iskizz tal-warden jidher *brake mark* wara l-vettura li kien qieghed isuq Victor Pace. Pero' ma jkomplix sa taht ir-rota. Il-warden stess xehed: *"Il-brake mark jidher maqtugh u allura ma kontx cert hux taghha jew le; biss il-parti ta' wara kien bi dritt tal-parti ta' quddiem. Dawn brake-marks mhux skid marks".* Dan apparti li l-passiggiera riekba fil-vettura tal-appellata qalet li qabel sehh l-incident, rat il-vettura l-ohra wieqfa. L-istess tista' tghid qalet l-appellata. Jekk hu hekk m'huwiex verosimili li l-vettura Hyundai halliet it-tul ta' brake mark li jidher fl-iskizz. Fic-cirkostanzi l-qorti m'hijex f'posizzjoni li tikkonkludi li l-brake mark kien tal-vettura tal-appellant.

10. Fil-verzjoni li Victor Pace ta lill-warden jinghad li kien wieqaf biex jaqsam it-triq u jidhol fil-kors taz-zwiemel. Zied *"harist minn gol-mera ma rajt lil hadd".* Il-qorti ssibha difficli temmen li hares u ma ra lil hadd, meta tqies li t-triq hi dritta (ara ritratt numru 6 minn 7). Pjuttost l-indikazzjoni hi li ma hares xejn. Peress li l-vettura tal-appellata giet minn warajh, probabilment kieku hares kien jaraha.

11. Hu minnu li l-vettura tal-intimata kienet wara dik tal-appellant. Pero' hu minnu wkoll li kienet il-vettura tal-appellant li kisret fuq il-lemin. Kien jinkombi fuq Victor Pace li jizgura li seta' jibda u jwettaq dik il-manuvra minghajr ma jkun ta' ostakolu ghal traffiku iehor. Pace ma kienx attent ghal dak li qed jigri madwaru, iktar u iktar meta kien wieqaf qabel m'ghamel il-manuvra.

12. Probabilment ladarba Pace ried jikser fuq il-lemin, cjoe' jaqsam il-karreggata tat-traffiku gej mill-faccata, kien wieqaf f'nofs it-triq fejn jidhru l-*interrupted lines*. Ghalkemm il-konvenuta qalet li l-ewwel darba li rat il-vettura l-ohra *'kien ser jikser fuq ix-xellug'*, dan mhux verosimili. Fuq ix-xellug ma tidher l-ebda fetha (ara ritratt 6 minn 7). Fatt li lanqas biss ma jissemma fl-okkorrenza tal-warden.

13. Hu evidenti li l-appellata rat vettura wieqfa quddiemha. Sarah Said, passiggiera, qalet li meta rat il-karozza ta' quddiemha *"din kienet wieqfa"*. L-appellata qalet *"Hu kien qisu wieqaf.."*. Hemm verzjonijiet konfliggenti dwar jekk il-vettura li kien qieghed isuq Pace kellhiex l-indicator mixghul. L-appellata u Sarah Said qalu li ma kellhiex. F'kull kaz manuvra ta' sorpass ghandha ssir b'attenzjoni kbira. Hu veru li f'dik il-parti tat-triq l-appellata setat taghmel manuvra simili. Pero' kienet qed tara vettura wieqfa u fetha fuq in-naha tal-lemin. Mela b'sewqan prudenti l-appellata kellha tipprevedi li l-vettura kienet ser tibdel ir-rotta. F'dan ix-xenarju l-appellata ma kinitx intitolata tistenna li l-vettura Hyundai kienet se tibqa' ssuq dritt. Paragrafu 181 tal-Highway Code jipprovdi:

*"Never overtake unless you are **SURE** that you can do so without danger to yourself or other".*

Dan iktar u iktar meta dak is-sorpass ifisser li ser tkun qieghed tinvadi l-karreggata ta' vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta.

Imbaghad paragrafu 183 jipprovdi:

*"Before overtaking, give the appropriate signal, make certain that the vehicle you intend to overtake is aware of your intention,….."*

Mill-provi ma rrizultax li l-appellata ghamlet xi sinjal sabiex Pace jinduna li kienet qeghda taqbzu minn fuq il-lemin tieghu.

14. Fic-cirkostanzi l-qorti hi tal-fehma li l-htija ghall-incident hi ta' Pace u l-appellata f'proporzjon ugwali. Kull wiehed minnhom naqas li jzomm *a proper lookout* u kien kagun ta' incident bla bzonn li seta' kellu konsegwenzi serji hafna.

15. L-appellant talab is-somma ta' €2,981.60 bhala danni. F'dan ir-rigward l-uniku prova li ressaq l-appellant hu survey report ta' Citadel Insurance plc, cjoe' l-kumpannija assiguratrici tal-appellata. Minn dan id-dokument jirrizulta li saret stima ta' €1,302 fir-rigward ta' xoghol ta' *spray* u *panel beating*. Hemm ukoll diversi parts li kellhom jinbidlu, minghajr prezzijiet. Fl-istess dokument jinghad ukoll li hemm bzonn ta' bejn sitta u sebat ijiem sabiex issir it-tiswija. L-appellant ma xehed xejn dwar id-danni u lanqas ma pprezenta xi ricevuti ta' hlas. L-appellant kieku ried kellu s-snin biex jipprezenta prova tad-danni li jippretendi. Meqjus li dawn il-proceduri ilhom li nbdew minn Settembru, 2011 il-qorti m'hijiex ser terga' tiftah l-istadju tas-smiegh tal-provi. Il-vettura kienet Hyundai Accent u l-hsara kienet: *"Front bumper, rear right door, front right door, front right wheel, front right wing, front right headlight"*. Mehud in konsiderazzjoni dawn ic-cirkostanzi l-qorti qeghda tillikwida d-danni *arbitrio boni viri* fis-somma ta' **elfejn u tlett mitt ewro (€2,300)**.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' parzjalment l-appell u thassar id-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg tal-1 ta' Marzu, 2017 u minflok:-**

1. **Tiddikjara li l-incident sehh tort ta' Victor Pace u l-appellata fi proporzjon ugwali.**
2. **Tillikwida d-danni fis-somma ta' elf mija u hamsin ewro (€1,150).**
3. **Tikkundanna lill-appellata sabiex thallas lill-appellant is-somma ta' elf mija u hamsin ewro (€1,150).**

**Spejjez tal-ewwel istanza jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet. Spejjez tal-appell jinqasmu in kwantu ghal 60% a karigu tal-appellant u 40% a karigu tal-appellata, gialadarba l-ewwel aggravju gie michud.**

(ft.) Anthony Ellul

Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb

D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur